# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 12 ta' Lulju, 2023.**

**Numru 24**

**Rikors numru 204/2020/1 FDP**

**Triton Logistics Limited (C 12572)**

**v.**

**Il-Kontrollur tad-Dwana (illum Kummissarju tat-Taxxi)**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-kumpanija Triton Logistics Limited kontra deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-15 ta' Marzu, 2023, li permezz tagħha ġew miċħuda t-talbiet tagħha biex tiġi mħassra n-nota ta' qbid maħruġa mill-Kontrollur tad-Dwana bin-numru 10/2020 u biex jiġu meħlusa l-oġġetti li ġew maqbuda b'dik in-nota.

**Daħla**

2. B'rikors imressaq fl-4 ta' Marzu, 2020, il-kumpanija attriċi fissret li fl-20 ta' Jannar, 2020, il-Kontrollur tad-Dwana ħareġ nota ta' qbid bin-numru 10/2020 kontra Alhambra Trading Limited skont l-**Artikolu 72 tal-Ordinanza tad-Dwana** u l-**Artikolu 27 tal-Att dwar Dazju tas-SISA**, b'rabta ma' 331 Kaxxa *Glazed Porcelain Tiles – White Terrazo (662 sq mts) ex PZU3997024*, għaliex deherlu li fuq dawn l-oġġetti ma tħallsux id-Dazji tal-Importazzjoni, tas-Sisa u tal-*Anti-Dumping* u t-Taxxa tal-Valur Miżjud, bi ksur tal-**Artikoli 18** u **61(1) tal-Ordinanza tad-Dwana** u **tal-Artikolu 17(1)(d) tal-Att dwar Dazju tas-Sisa**. Il-kumpanija attriċi tisħaq illi din in-nota ta' qbid ma tiswiex għaliex issostni li l-uffiċjali tad-Dwana kienu jafu sa mill-istħarriġ tagħhom magħmul f'Awwissu 2018, illi l-oġġetti li ġew maqbuda kienu tagħha u mhux ta' Alhambra Trading Limited.

3. Minbarra dan, hija żżid tgħid ukoll, li kull dikjarazzjoni skorretta li seta' kien hemm, saret minħabba żball ġenwin u għalhekk jgħodd għall-każ l-**Artikolu 61(2) tal-Ordinanza tad-Dwana**. Targumenta li f'kull każ, il-konfiska xorta mhijiex ġustifikata minħabba li l-importazzjoni ma tiksirx l-**Artikolu 17(1)(d) tal-Att dwar id-Dazju tas-Sisa**, peress li ladarba d-dikjarazzjoni skorretta kienet biss frott ta' żball ġenwin, allura jonqos l-element intenzjonali u r-rieda ħażina meħtieġa sabiex tkun tista' tissokta

l-konfiska.

4. Fid-dawl ta' dawn ir-raġunijiet, il-kumpanija attriċi fetħet din il-kawża u talbet lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *"i. Tiddikjara u tiddeċiedi li n-nota ta' qbid bin-numru 10/2020 maħruġa fl-20 ta' Jannar, 2020, hija nulla u, jew illegali u, jew invalida u, jew li nħarġet ħażin minħabba r-raġunijiet imfissra f'dan ir-rikors, jew liema minnhom;*
>
> *ii. Tordna r-rilaxx immedjat favur is-soċjetà esponenti tal-oġġetti kollha maqbuda permezz tan-nota ta' qbid bin-numru 10/2020 maħruġa fl-20 ta' Jannar, 2020;*
>
> *u dan prevja kull provvediment jew dikjarazzjoni oħra opportuna.*
>
> *Bl-ispejjeż kontra l-intimat, li huwa minn issa inġunt in subizzjoni."*

5. Id-Direttur Ġenerali (Dwana), li qal li ġie indikat ħażin bħala Kontrollur tad-Dwana, wieġeb għal din ir-rikors fl-1 ta' Ġunju, 2020, u ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

> *"1. Illi in vena preliminari l-esponent jeċċepixxi li din l-azzjoni hija aflitta min-nuqqas ta' interess ġuridiku da parti tas-soċjetà rikorrenti ġaladarba l-importazzjoni saret unikament mis-soċjetà Alahambra Trading Limited – liema soċjetà hija distinta mis-soċjetà rikorrenti, u fi kwalunkwe każ, is-soċjetà rikorrenti għandha tipprova li l-oġġetti maqbuda tassew jappartjenu lilha;*
>
> *2. Illi subordinament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, fil-mertu t-talbiet kif dedotti fir-rikors promotur huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li huma insostenibbli ai termini tal-provvedimenti tal-Kap. 37 u tal-Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta u dan għar-raġunijiet segwenti:*
>
> *i) Illi għalkemm ai termini tal-artikolu 72 tal-Ordinanza tad-Dwana l-esponent Direttur Ġenerali (Dwana) ma kellux għalfejn joħroġ in-Nota ta' Qbid fuq il-formola preskritta, ġaladarba jirriżulta li l-imsemmija oġġetti li kienu qed jiksru l-provvedimenti tal-Kap. 37 u tal-Kap. 382 ġew konfiskati wara li d-dikjarant kien informat bl-akkadut, għal skopijiet ta' prattiċità xorta waħda nħarġet in-Nota ta' Qbid 10/2020 u dan ai termini tal-liġijiet doganali;*
>
> *ii) Illi di più, l-allegata nullità tan-Nota ta' Qbid 10/2020 avvanzata*

*mis-soċjetà rikorrenti għaliex din inħarġet fuq is-soċjetà Alhambra Trading Limited meta allegatament is-sid tal-oġġetti hija s-soċjetà rikorrenti ma treġix. Skont l-artikolu 27(1) tal-Kap. 382, Uffiċjal tas-Sisa għandu jagħti avviż dwar kull qbid u r-raġunijiet dwaru lil kull persuna li, skont il-fehma tal-uffiċjal, kienet fiż-żmien li sar il-qbid is-sid jew is-sidien tal-oġġett - u huwa ben evidenti li skont id-dikjarazzjoni doganali, inkluż il-fatturi annessi mad-dikjarazzjoni doganali, is-soċjetà Alhambra Trading Limited tidher li hija sid tal-merkanzija. Oltre minn hekk, il-kompitu ta' din l-Onorabbli Qorti f'dawn iċ-ċirkostanzi huwa li teżamina u tiddetermina jekk effettivament kienx hemm il-ksur tad-dispożizzjonijiet invokati mill-intimat sabiex jiġġustifika l-qbid u għalhekk jekk il-qbid tal-oġġetti relattivi kienx legalment ġustifikat ai termini tal-liġijiet doganali;*

*iii) Illi l-fatti jikkonċernaw importazzjoni ta' sitt mija tlieta u sebgħin (673) kartuna madum skont id-dikjarazzjoni magħmula mad-Dwana minn B&D Hauliers għan-nom ta' Alhambra Trading Ltd, permezz tad-dokument li jġib in-numru ta' referenza TD ID 2018603186609, flimkien ma' diversi supporting documents oħra kif titlob tali dikjarazzjoni ta' importazzjoni. Illi jirriżulta ċar mill-istess dikjarazzjoni doganali li kienet neċessarja sabiex tiġi importata l-merkanzija inkwistjoni li s-soċjetà dikjaranta filwaqt li ddikjarat li kienet se timporta sitt mija tlieta u sebgħin (673) kartuna madum, fuq id-dikjarazzjoni doganali għażlet li tiddikjara biss il-valur tal-fattura bin-numru 70069-18/027 li kienet tikkonċerna tliet mija tnejn u erbgħin (342) kartuna madum bil-valur ta' għoxrin elf ħames mija tlieta u tletin Ewro u tmienja u sittin ċenteżmu (€20,533.68) mit-total ta' 673 kartuna madum importata. Però rriżulta, wara li l-uffiċjali tad-Dwana spezzjonaw fiżikament il-merkanzija u vverifikaw mal-informazzjoni fid-dokumenti tal-imsemmija dikjarazzjoni, li l-valur ta' dsatax-il elf disa' mija tnejn u ħamsin Ewro u tmienja u sittin ċenteżmu (€19,952.68) rifless fuq il-fattura bin-numru 70069-18/026 u li kienet tikkorrispondi għall-bqija tat-331 kartuna madum ma ġiex dikjarat, b'riżultat li ma ġewx ikkawtelati d-dazji tal-importazzjoni, tas-Sisa u tal-Anti-Dumping kif ukoll it-taxxa tal-valur miżjud relattivi;*

*iv) Illi din id-dikjarazzjoni skorretta tfisser li l-Gvern kien se jitlef dħul ta' tnax-il elf mija u tmienja u għoxrin Ewro (€12,128) f'dazji u taxxi relattivi kkalkulat fuq il-valur mhux iddikjarat tal-merkanzija maqbuda, li kieku din l-importazzjoni ma kinitx spezzjonata b'detriment għall-errarju pubbliku u għal importaturi ġenwini;*

*v) Illi b'kuntrast ma' dak li qed tipprova tagħti x'tifhem is-soċjetà rikorrenti, ma jistax jingħad li d-dikjarazzjoni skorretta saret merament minħabba żball ġenwin. Il-fatt ewlieni li ma ġiex dikjarat il-valur ta' tliet mija wieħed u tletin (331) kartuna madum (kważi l-valur ta' nofs il-merkanzija importata) jagħmlu aktar verosimili li din id-dikjarazzjoni skorretta saret b'element intenzjonali jew b'negliġenza grossolana li ċertament ma tistax titqies bħala sempliċiment żball ġenwin;*

*vi) Illi f'każ li s-soċjetà rikorrenti jidhrilha li li n-nuqqas tas-soċjetà Alhambra Trading Limited u B & D Hauliers jew min minnhom irrekalha telf, din għandha titlob kumpens lill-istess soċjetajiet jew min minnhom, u mhux tintalab ir-revoka u l-annullament tan-Nota ta' Qbid maħruġa mill-esponent li mexa skont l-obbligi tiegħu ai termini tal-Kap. 37 u tal-Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*3. Illi għalhekk, a kuntrarju ta' dak li qed jiġi allegat fir-rikors promotur, iċ-ċirkostanzi tal-każ odjern ċertament jaqgħu fl-ambitu tal-artikolu 61(1) tal-Kap. 37 li jikkonċerna dikjarazzjonijiet skorretti bħal fil-każ in eżami. Fil-fatt, l-imsemmi artikolu jipprovdi li:*

> *"Jekk fiż-żmien tal-eżami minn uffiċjal tad-dwana xi oġġetti jkunu jinsabu fi kwantità aktar minn, jew differenti minn, dawk li jkunu jidhru fuq il-fattura tal-esportatur jew li jkunu dikjarati mill-importatur jew mill-aġent tiegħu, f'dak il-każ, minkejja dak kollu li jinsab f'xi disposizzjoni oħra ta' liġi, dawk l-oġġetti li jinsabu żejda jew dawk l-oġġetti differenti għandhom jiġu kkonfiskati."*

*4. Illi din id-dikjarazzjoni skorretta saret ukoll bi ksur tal-artikolu 18 tal-Kap. 37 u tal-artikolu 17(1)(d) tal-Kap. 382 tal-liġijiet ta' Malta;*

*5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-każ.*

*Għaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet tas-soċjetà rikorrenti; bl-ispejjeż kontra tagħha."*

6. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu (ara paġni 117 u 118 tal-atti tal-kawża), id-Direttur Ġenerali (Dwana) ddikjara li huwa ma kienx qiegħed jinsisti aktar fuq l-ewwel eċċezzjoni tiegħu dwar n-nuqqas ta' interess ġuridiku fil-kumpanija attriċi biex tmexxi b'din il-kawża. Dan għamlu minħabba li rriżulta li l-kumpanija rikorrenti kienet xtrat mingħand Alhambra Trading Ltd il-madum li ġie maqbud u għalhekk il-kumpanija attriċi ġiet li kellha kull jedd li tikkontesta n-nota tal-qbid inkwistjoni.

7. B'sentenza tal-15 ta' Marzu, 2023, l-Ewwel Qorti ddeċidiet il-

kawża billi laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u ċaħdet it-talbiet tal-kumpanija attriċi bl-ispejjeż kontriha. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti biex tiddeċiedi hekk kienu dawn:

> "***Fatti***
>
> *18. Jirriżulta, mill-assjem tal-provi, illi s-soċjetà rikorrenti, Triton Logistics Limited, illi hija soċjetà illi topera fis-settur tat-trasport ta' merkanzija minn u lejn Malta, kienet tqabbdet mis-soċjetà Alhambra Trading Limited sabiex timporta żewġ containers madum, miċ-Ċina lejn Malta.*
>
> *19. Jirriżulta illi dawna ż-żewġ containers ġew mgħobbija ġewwa ċ-Ċina madwar id-19 ta' Ġunju 2018, data tal-invoices għal żewġ containers madum, u waslu Malta fl-aħħar ta' Lulju 2018.*
>
> *20. Jirriżulta illi fil-31 ta' Lulju 2018, ġew proċessati u mdaħħlin id-dokumentazzjoni mis-soċjetà rikorrenti mal-Kontrollur tad-Dwana permezz tas-sistema elettronika eżistenti u l-għada, l-1 ta' Awissu 2018, ir-rappreżentanti tas-soċjetà rikorrenti marru ġewwa l-Container Groupage Depot ġewwa Ħal Far sabiex jiġbru ż-żewġ containers.*
>
> *21. Jirriżulta iżda, illi hekk kif kienu qed jiġu pproċessati d-dokumentazzjoni, deher li filwaqt li ngħaddew id-dokumentazzjoni dwar iż-żewġ containers, fid-dokumentazzjoni meħtieġa għall-ħlas tat-taxxa u eventwali rilaxx tal-istess, permezz ta' liema dokumentazzjoni titħallas ukoll tali taxxa, ġie indikat biss wieħed mill-containers, u taxxa tħallset unikament fuq container wieħed biss.*
>
> *22. Jirriżulta illi, bħala konsegwenza ta' dan, l-intimat Kontrollur tad-Dwana għadda sabiex jirrilaxxja biss wieħed mill-containers, ossija dak illi kien ġie dikjarat, filwaqt illi żamm il-containter l-ieħor bil-merkanzija mhux iddikjarata.*
>
> *23. Jirriżulta illi, eventwalment, fl-20 ta' Jannar 2020, il-Kontrollur tad-Dwana ħareġ Seizure Note illi biha huwa qabad il-merkanzija mhux dikjarata.*
>
> *24. Jirriżulta li, nel frattemp, is-soċjetà rikorrenti Triton Logistics Limited kienet waslet fi ftehim mas-soċjetà Alhambra Trading Limited, fejn ħallsitha l-ispejjeż kollha in konnessjoni ma' tali container miżmum mill-awtoritajiet tad-Dwana.*
>
> ***<u>Xhieda</u>***
>
> *25. Jirriżulta, mix-xhieda mogħtija minn David Fenech, li kien il-persuna inkarigata mill-Containers Groupage Section fi ħdan Ħal Far*

*u sabiex jassikura illi d-dokumentazzjoni kollha ppreżentata kienet in regola, illi fl-1 ta' Awissu 2018, huwa beda jipproċessa d-dokumentazzjoni għar-rilaxx taż-żewġ containers madum u, hekk kif hu beda jipproċessa d-dokumentazzjoni għar-rilaxx taż-żewġ containers illi kien hemm bil-kaxex tal-madum, induna illi kien hemm diskrepanza bejn id-Dispatch Form datata 31 ta' Lulju 2018 (fol 25) u l-invoices ppreżentati flimkien mal-istess dokumentazzjoni.*

*26. Jirriżulta, di fatti, illi fid-Dwana kienu ġew ppreżentati żewġ Invoices, ossija waħda tal-valur ta' €19,952.68 rappreżentanti 662 metri kwadri ta' madum, Invoice Nru 70069-18/026, ref 2018-2059, datata 19 ta' Ġunju 2018, li turi li l-merkanzija għandha Gross Weight ta' 18,776kg, (fol 29), u oħra tal-valur ta' €20,533.68, rappreżentanti 684 metri kwadri ta' madum, Invoice Number Nru 70069-18/027, ref 2018-0258, datata wkoll 19 ta' Ġunju 2018, li turi li l-merkanzija għandha Net Weight ta' 19,152kg u Gross Weight ta' 19,392kg (fol 32).*

*27. Jirriżulta, madanakollu, illi fid-Dispatch Form, filwaqt illi hemm indikat Gross Mass ta' 38,168kg, ossija t-total tal-Gross Weight taż-żewġ containers fuq imsemmija, kien hemm, madankollu, indikat illi n-Net Mass huwa biss ta' 19,152kg, il-prodott indikat bħala biss ta' 684 metri kwadri ta' madum u l-valur indikat kien tniżżel biss ta' €20,533.*

*28. Kien jidher għalhekk, skond Fenech, illi container minnhom ma kienx ġie dikjarat għalkemm l-Invoices kienu ġew annessi. Għalhekk huwa għadda l-każ lid-Director Compliance and Systems.*

*29. Fl-affidavit sussegwenti tiegħu, David Fenech ikkonferma illi, riżultat ta' tali nuqqas,*

> *" ... l-ammont ta' €998 bħala dazju ta' importazzjoni, l-ammont ta' €130 bħala dazju tas-Sisa, l-ammont ta' €6,106 bħala 'anti dumping' kif ukoll l-ammont ta' €4,894 bħala taxxa fuq il-Valur miżjud, li b'kollox jammontaw għal €12,128, ma kinux kawtelati" (fol 84)*

*30. Jirriżulta illi Alan Mamo, Director Compliance and Systems fid-Dwana, stqarr illi rriżultalhom li kien hemm żewġ containers tal-madum illi kellhom jiġu rilaxxati, iżda container minnhom ma kienx indikat fid-Dikarazzjoni għar-Rilaxx, u għalhekk ma kinitx tħallset id-dazju għalihom.*

*31. Stqarr ukoll illi, peress illi, a tenur tal-Artikolu 63 (1) (a) tal-Kap 37 li jirregola d-Dwana, id-dazju perikolat kien jeċċedi l-valur ta' €4,000, il-container illi ma kienx ġie dikjarat ma ġiex rilaxxjat, u eventwalment fl-20 ta' Jannar 2020, permezz ta' Nota ta' Qbid Nru 10/2020, l-oġġetti indikati bħala "331 Kaxxa Glazed Porcelaine Tiles – White Terrazzo (662 sq mts) ex APZU3997024" ġew maqbuda mid-Dipartiment tad-Dwana (fol 24).*

*32. Ikkonferma wkoll illi l-container l-ieħor, illi kien ġie dikjarat, ġie sussegwentement rilaxxjat.*

*33. Jirriżulta illi Malcolm Camilleri, rappreżentant tas-soċjetà Alhambra Trading Limited, fix-xhieda tiegħu, stqarr illi huwa kien qabbad lis-soċjetà rikorrenti Triton Logistics Limited sabiex jimporta żewġ containers madum miċ-Ċina, iżda riżultat ta' żball ta' impjegat tal-istess soċjetà Triton Logistics Limited, wieħed mill-containers ma ġiex dikjarat, u għalhekk ma kienx rilaxxjat.*

*34. Ikkonferma wkoll illi s-soċjetà Tritons Logistics Limited irrikonoxxiet l-iżball tagħha u kkumpensat lis-soċjetà Alhambra Trading Limited tal-ispejjeż u materjal kollu, u ma kellha ebda pretensjoni kontra tagħha.*

*35. Adrian Leone Ganado, fix-xhieda tiegħu, stqarr illi, bħala impjegat tas-soċjetà rikorrenti, huwa kien lesta d-dokumentazzjoni kollha taż-żewġ containers sabiex jiddaħħlu fis-sistema tad-dwana, iżda deher illi erronjament, għalkemm issemmew żewġ containers fl-informazzjoni mdaħħla fis-sistema tad-Dwana, kif jidher a fol 26, ossija APZU3997024 u APZU3283747, meta eventwalment iddaħħlet tali informazzjoni minn kollega tiegħu, Andrew Delia, għal fini ta' taxxa, iddaħħlet unikament container wieħed, bir-riżultat ili t-taxxa dovuta għall-container l-ieħor ma tħallasx.*

*36. Bernard Debono, direttur tas-soċjetà rikorrenti, stqarr illi s-soċjetà rikorrenti Triton Logistics Limited, kienet tqabbdet mis-soċjetà Alhambra Trading Limited, sabiex timporta madum miċ-Ċina. Is-soċjetà B&D Haulers, li llum qed tiġi xolta, dan iż-żmien kienet soċjetà illi huwa kien soċju fiha wkoll, u li kienet munita b'liċenzja ta' burdnar, u għalhekk kienet responsabbli biex tgħaddi d-dokumentazzjoni meta l-merkanzija tkun waslet.*

*37. Stqarr illi fil-Polza tal-Ġarr mgħoddija lilu mill-klijenti tiegħu, Alhambra Trading Limited, ossija Non-Negotiable Sea Waybill, (fol 75), kien hemm indikati żewġ containers illi kienu qed jinġarru lejn Malta u li kellhom jiġu kkonsenjati lill-Alhambra Trading Limited.*

*38. Saħaq, iżda, li in vista ta' żball ta' impjegat tas-soċjetà rikorrenti, filwaqt illi ż-żewġ containers ġew indikati fid-dokumentazzjoni tad-Dwana, fejn jirrigwarda l-valuri u dettalji oħra, tħalliet barra kompletament fattura waħda.*

*39. Insista illi dana kien żball ġenwin da parte tagħhom, u ma kellhom ebda intenzjoni illi jqarrqu jew jevadu xi taxxa.*

***Ikkunsidrat***

*40. Jirriżulta, mill-assjem tal-provi, illi ma huwiex kkontestat li sar żball da parte tas-soċjetà rikorrenti, liema żball wassal sabiex ma*

*titħallasx it-taxxa kollha dovuta fuq container partikolari li kellu merkanzija li kienet tiswa €19,952.68 u li għaliha kellha titħallas taxxa fl-ammont ta' €12,128.*

*41. Jirriżulta wkoll li jidher ċar illi, filwaqt li s-soċjetà rikorrenti ppreżentat żewġ invoices in konnessjoni maż-żewġ 'containers' li kienu nġiebu Malta b'merkanzija tas-soċjetà Alhambra Trading Limited, dak kkontenut f'tali invoices ma ġiex rifless fid-dokumentazzjoni uffiċjali tal-Kontrollur tad-Dwana, liema dokumentazzjoni hija meħtieġa sabiex titħallas it-taxxa dovuta u jiġu rilaxxati l-merkanzija importata.*

*42. Jirriżulta, di fatti, illi taxxa tħallset biss fuq merkanzija dikjarata li tiswa €20,533.68, jiġifieri ta' container wieħed.*

*43. Jirriżulta, di fatti, illi filwaqt illi fid-dokumentazzjoni uffiċjali tad-Dwana, ġie indikat illi l-piż globali tal-merkanzija kien ta' 38,168 kgs, ossija taż-żewġ containers flimkien, madankollu, bi żball da parte tas-soċjetà rikorrenti, ġie indikat illi l-piż 'net' tal-merkanzija kien ta' 19,152 kgs, ossija dak ekwivalenti, għal container wieħed biss, u l-valur indikat għall-ħlas, u li abbażi tiegħu tħallset it-taxxa dovuta, kien indikat fl-import ta' €20,533.68, ossija dak ta' container wieħed, flok is-somma ta' €40,486.36, kif kellu jiġi indikat u li kien il-valur taż-żewġ containers flimkien.*

*44. Jirriżulta, ictu oculi, illi tali żball seta' kien wieħed ġenwin, peress illi filwaqt illi l-piż globali ġie indikat, il-piż 'net' globali kif ukoll il-valur globali madanakollu ma ġewx inklużi. Huwa ċar ukoll illi tali żball kien wieħed li jista' faċilment jiġi deskritt bħala 'grossolan'.*

*45. Is-soċjetà rikorrenti ressqet bħala xhud lil Bernard Debono, bħala Direttur tas-soċjetà rikorrenti, sabiex jisħaq illi kien żball ġenwin, kif ukoll lil Adrian Leone Ganado, impjegat tal-istess soċjetà rikorrenti, sabiex jistqarr illi huwa kien lesta d-dokumentazzjoni korrettement, iżda ma pproċessax d-dokumentazzjoni hu, peress illi ma kellux ħin, u eventwalment min għadda d-dokumentazzjoni għamel żball.*

*46. Madankollu, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi l-aktar persuna importanti li kellha titressaq quddiemha, ossija Andrew Delia, li kien, wara kollox, il-persuna illi, skont Leone Ganado, kien attwalment ipproċessa l-applikazzjoni u daħħal l-informazzjoni fis-sistema komputerizzata tal-Kontrollur tad-Dwana, fejn presumibbilment huwa wkoll l-utent 'tdelia03' indikat taħt 'signature and name of declarant/representative' fid-dokument li ġie mgħoddi lid-Dwana, u li tidher f'varji kopji eżebiti fil-proċess, fosthom a fol 25 tal-proċess, ma tressaqx sabiex jixhed quddiem dina l-Qorti. Għalhekk, il-Qorti ma tqegħditx f'posizzjoni mis-soċjetà rikorrenti illi tkun tista' tevlawa jekk huwiex minnu illi kien attwalment żball ġenwin, jew inkella, kif jikkontendi l-Kontrollur tad-Dwana, kien żball grossolan illi seta' jiġi faċilment evitat u ma ġiex evitat, kif jidher l-istess Kontrollur, mhux in*

*vista ta' xi żball ġenwin, iżda in vista ta' traskuraġni u nuqqas lampanti da parte tas-soċjetà rikorrenti u l-impjegati tagħha li issa, wara illi sar l-iżball, qed tittenta tissana s-sitwazzjoni minnha kkawżata bil-proċeduri odjerni.*

*47. Il-Qorti tirrileva illi quddiemha, kien jeħtieġ illi s-soċjetà rikorrenti tressaq l-aħjar prova tagħha biex tipprova l-ġenwinità tal-iżball tagħha, u ħadd aktar minn dik il-persuna illi attwalment ikkommetta l-iżball ma seta' jipprova li, di fatti, kien żball ġenwin – fin-nuqqas ta' tali xhieda, il-Qorti tqis illi mhijiex f'posizzjoni illi tasal għal konklużjoni pretiża mis-soċjetà rikorrenti illi kien attwalment żball ġenwin da parte tas-soċjetà rikorrenti.*

*48. Del resto, kif jikkontedi l-intimat stess fis-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensur tiegħu, kieku l-Qorti kellha tabbraċċja l-verżjoni tal-fatti tas-soċjetà rikorrenti, abbażi tal-provi kif prodotti, "tinħoloq sitwazzjoni fejn min hu diliġenti f'xogħolu ser ikun żvantaġġjat u min mhuwiex diliġenti jew saħansitra min irid iqarraq, jekk jinqabad, kull ma jrid jagħmel hu li jgħid li ħa żball u jkun maħfur".*

*49. Wara kollox, is-soċjetà rikorrenti kienet imħallsa mis-soċjetà Alhambra Trading Limited biex tagħmel xogħolha sew, u bħalma hija ammettiet l-iżball mas-soċjetà Alhambra Trading Limited u għamlet tajjeb għad-danni kollha minnhom sofferti, kif ikkonferma Malcolm Camilleri, hija għandha wkoll terfa' r-responsabbiltà tal-iżball tagħha fil-każ odjern u taċċetta li l-ħruġ tan-Nota ta' Qbid Nru 10/2020 fl-20 ta' Jannar 2020, kienet waħda ben iġġustifikata u konsegwenza ta' l-iżball tagħha, u għalhekk taċċetta l-konsegwenzi tal-iżball tagħha.*

*50. Għalhekk, l-azzjoni tas-soċjetà rikorrenti ma timmeritax illi tiġi kkunsidrata favorevolment minn dina l-Qorti."*

8. B'rikors tal-appell imressaq fis-27 ta' Marzu, 2023, il-kumpanija attriċi talbet għat-tħassir ta' din is-sentenza fuq is-saħħa ta' żewġ aggravji. Fl-ewwel aggravju tagħha, il-kumpanija attriċi targumenta li l-Ewwel Qorti ma setgħetx tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut dwar in-nuqqas ta' interess ġuridiku, ladarba din ġiet irtirata mill-istess konvenut fin-nota ta' sottomissjonijiet. Filwaqt li fit-tieni aggravju tagħha, hija tgħid li l-Ewwel Qorti kellha biżżejjed provi quddiemha biex tasal għall-fehma li n-nuqqas li kien hemm fid-dikjarazzjoni doganali kien frott ta' żball

ġenwin għall-għanijiet tal-**Artikolu 61 tal-Ordinanza tad-Dwana**.

9. Il-Kontrollur tad-Dwana (illum Kummissarju tat-Taxxi) wieġeb għal dan l-appell fl-14 ta' April, 2023 u ta r-raġunijiet tiegħu għala dan l-appell għandu jiġi miċħud.

10. Il-Qorti wara li rat l-atti kollha tal-kawża, tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**Konsiderazzjonijiet:**

11. L-**<u>ewwel aggravju</u>** mressaq mill-kumpanija attriċi huwa dwar il-fatt li l-Ewwel Qorti laqgħet eċċezzjoni, dik marbuta man-nuqqas ta' interess ġuridiku tal-kumpanija rikorrenti biex tmexxi b'din il-kawża, illi kienet ġiet irtirata mill-konvenut fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu. Il-kumpanija appellanti targumenta li ladarba din l-eċċezzjoni ġiet irtirata, allura l-Ewwel Qorti kellha tastjeni minnha jew tiċħadha u mhux li tilqagħha.

12. Il-Kummissarju tat-Taxxi jibda jwieġeb għal dan l-aggravju billi jikkonferma li hu kien irtira l-ewwel eċċezzjoni dwar in-nuqqas ta' interess ġuridiku. Ikompli billi jisħaq li kien ikun ħafna aħjar li kieku l-

Ewwel Qorti għamlitha ċara fil-parti operattiva tas-sentenza, li hija kienet qegħda tastjeni milli tqis din l-eċċezzjoni. Madankollu l-Kummissarju appellat jgħid, li ladarba l-Ewwel Qorti ma stħarrġitx din l-eċċezzjoni fis-sentenza tagħha, allura dan kellu jinftiehem illi hi astjeniet milli tiddeċidiha.

13. Din il-Qorti tosserva li skont l-**Artikolu 23 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, il-parti operattiva tas-sentenza, li jeħtieġ tkun inkluża fil-parti konkluživa tas-sentenza, għandha tinkludi fiha t-talbiet jew l-eċċezzjonijiet li jkunu ġew deċiżi u kull dikjarazzjoni maħsuba li tkun konkluživa jew vinkolanti.

14. Tassew kif jaqblu ż-żewġ naħat f'din il-kawża, kien ikun aqwa u aktar distintiv li kieku l-Ewwel Qorti fil-parti operattiva tas-sentenza tagħha qalet li hija ma kinitx ħa tqis aktar l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut u b'hekk tastjeni milli tqisha ġaladarba din kienet ġiet rinunzjata. B'dan il-mod dan l-aggravju kien jiġi evitat.

15. B'daqshekk però dan ma jfissirx li l-aggravju tal-kumpanija attriċi huwa wieħed fejjiedi.

16. Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Joseph Dalli v. Alex Grech*** deċiża fit-28 ta' Mejju, 2010, jekk eċċezzjoni tiġi rinunzjata din

titqies li tkun ġiet imneħħija mill-atti tal-kawża u għalhekk ma jkunx hemm lok li l-Qorti tippronunzja ruħha fuqha.

17. Fil-każ tal-lum l-Ewwel Qorti mkien ma qalet fis-sentenza appellata li hija kienet qegħda tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut dwar in-nuqqas ta' interess ġuridiku fil-kumpanija attriċi. L-Ewwel Qorti sempliċement ma tatx każ ta' dik l-eċċezzjoni, daqslikieku ma tressqet qatt.

18. Huwa minnu li fil-parti operattiva tas-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti qalet li hija kienet qegħda "*Tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-intimat"*. Madankollu huwa ċar, li din il-parti operattiva tas-sentenza ma tistax titqies li tgħodd fiha eċċezzjoni li l-konvenut stess ikun irtira. Ifisser għalhekk li b'dan il-kap fis-sentenza, l-Ewwel Qorti kienet qegħda tesprimi ruħha biss fuq dawk l-eċċezzjonijiet li l-konvenut baqa' ma irtirax waqt il-kawża. Dwar l-eċċezzjoni li ġiet irtirata, l-Ewwel Qorti ma kellha għalfejn tgħid xejn. Għalkemm din il-Qorti jkollha tgħid, li biex ma jinħolqux ekwivoċi bejn il-partijiet, dejjem ikun aħjar li Qorti tindika fis-sentenza tagħha, bl-astensjoni tagħha minn dawk l-eċċezzjonijiet li jkunu ġew irtirati waqt il-mixi tal-kawża.

19. Lil hemm minn dan, l-ewwel aggravju tal-kumpanija appellanti qiegħed jiġi miċħud.

20. It-**<u>tieni aggravju</u>** tal-kumpanija attriċi jolqot il-mertu tad-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti. Fih targumenta li fl-atti tal-kawża hija ressqet biżżejjed provi biex turi li dak kollu li ġara kien riżultat ta' żball ġenwin fid-dikjarazzjoni doganali skont l-**Artikolu 61(2) tal-Ordinanza tad-Dwana**. Tisħaq li l-Ewwel Qorti ma għamlitx sew li ħolqot distinzjoni bejn żball ġenwin u żball grossolan (jew oħxon bil-Malti) għaliex tgħid li fil-liġi tagħna din id-distinzjoni ma teżistix. Issostni li dak li jrid jintwera huwa biss li l-iżball ma kienx wieħed li sar bi ħsieb. Tagħlaq l-aggravju billi tgħid li l-konfiska tal-oġġett hija miżura estrema u għalhekk kull interpretazzjoni għandha tkun favur l-individwu u mhux favur il-fisku.

21. Mill-banda l-oħra, il-Kummissarju intimat iwieġeb li huwa jaqbel mal-Ewwel Qorti meta qalet li d-difiża tal-iżball ġenwin imsemmija l-**Artikolu 61(2) tal-Ordinanza tad-Dwana** ma tistax issib applikazzjoni f'każ ta' negliġenza grossolana. Iżid li kuntrarjament għall-**Artikolu 18 tal-Ordinanza dwar id-Dwana** li jitkellem dwar multi ta' natura penali, l-intenzjoni ħażina mhijiex element li jissemma fl-**Artikolu 61 tal-Ordinanza tad-Dwana**. Għalhekk huwa jargumenta li l-qbid taħt l-**Artikolu 61 tal-Ordinanza tad-Dwana** huwa ġustfikat mhux biss meta d-dikjarazzjoni doganali tkun saret ħażina bi ħsieb, iżda anke meta l-iżball fid-dikjarazzjoni seta' jiġi evitat. Biex isaħħaħ din il-fehma tiegħu, il-Kummissarju appellat jagħmel riferenza għal ***The General***

***Agreements on Tariffs and Trade*** **(GATT 1994)**, fejn fl-**Artikolu VIII** jingħad li l-penali m'għandhiex tinħafer f'każ ta' rieda qarrieqa u ta' negliġenza grassa.

22. Minbarra dan, il-Kummissarju appellat jgħid li kif sewwa qalet l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, il-kumpanija attriċi ma ressqitx bħala xhud il-persuna li fl-aħħar mill-aħħar għaddiet id-dokumentazzjoni doganali u għalhekk hija ma ppruvatx kif imiss l-allegazzjoni tagħha li kien hemm żball ġenwin. Jagħlaq it-tweġiba tiegħu billi jgħid li t-traskuraġni m'għandhiex tiġi ppremjata u wisq anqas normalizzata. Dan għaliex inkella tista' tinħoloq sitwazzjoni fejn importaturi jitħajru illi jagħmlu dikjarazzjonijiet żbaljati bil-ħsieb: li jekk ma jinqabdux ikunu ġew li ffrankaw it-taxxa; filwaqt li jekk jinqabdu jużaw id-difiża tal-iżball ġenwin biex jinħelsu mill-konsegwenzi li ssemmi l-liġi.

23. Jidher ċar li t-tilwima li hemm bejn il-partijiet iddur mal-interpretazzjoni t-tajba tal-**Artikolu 61(1)** u **(2) tal-Ordinanza tad-Dwana**.

24. Fiż-żmien meta nħarġet in-nota ta' qbid f'Jannar tas-sena 2020, l-**Artikolu 61(1) tal-Ordinanza tad-Dwana** kien jgħid li jekk fiż-żmien tal-eżami minn uffiċjal tad-dwana, xi oġġetti jkunu jinsabu fi kwantità aktar minn, jew differenti minn, dawk li jkunu jidhru fuq il-fattura tal-esportatur

jew li jkunu dikjarati mill-importatur jew mill-aġent tiegħu, f'dak il-każ, minkejja dak kollu li jinsab f'xi dispożizzjoni oħra ta' liġi, dawk l-oġġetti li jinsabu żejda jew dawk l-oġġetti differenti għandhom jiġu kkonfiskati.

25. Huwa ċar għalhekk minn qari ta' dan l-artikolu tal-liġi, li jekk l-uffiċjal tad-dwana jsib xi diskrepanzi bejn dak li jkun ġie indikat mill-importatur jew l-aġent tiegħu fil-fatturi u fid-dokumenti doganali u dak li joħroġ mill-istħarriġ imwettaq minnu, l-uffiċjal għandu l-obbligu li jikkonfiska dawk l-oġġetti li jinsabu żejda jew dawk l-oġġetti li jkunu differenti.

26. Għall-għanijiet ta' dan l-artikolu tal-liġi, l-uffiċjal tad-dwana jeħtieġlu juri biss li hemm diskrepanza bejn dak li hemm imniżżel fid-dokumenti li ġew provduti lid-dwana u dak li nstab waqt l-istħarriġ. Fi kliem ieħor, biex jissokta bil-konfiska skont dan l-artikolu tal-liġi, l-uffiċjal tad-dwana m'għandux għalfejn juri x'tip ta' intenzjoni jew *animus* kellu l-importatur u/jew l-aġent tiegħu meta dan għadda d-dokumentazzjoni doganali.

27. Illi l-**Artikolu 2 tal-Ordinanza tad-Dwana**, li huwa meħud mill-**Artikolu 5(12) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (riformulazzjoni)**, ifisser dikjarazzjoni doganali

bħala l-att li bih persuna tindika bil-forma u mod preskritti xewqa li tqiegħed merkanzija taħt proċedura partikolari doganali.

28. Bis-saħħa ta' din id-dikjarazzjoni, persuna tgħarraf lill-awtoritajiet tad-dwana, bl-intenzjonijiet tagħha dwar il-proċedura doganali li taħtha, dik il-persuna biħsiebha tpoġġi l-merkanzija. Kif tikteb ***Sara Armella*** f'paġna 77 tal-ktieb tagħha, ***EU Customs Code***,

> "*This declaration of intent characterises and differentiates this type of tax declaration with respect to other types of declaration since the precondition for the imposition of tariffs is not associated with a merely factual situation but arises through a decision taken by the declaring party when he makes his choice. Moreover, the declaration to customs is not linked to any periodicity, given that it is strictly related to the movement of the goods.*
>
> *The customs declaration is a legal act drafted by an operator but with certain aspects pertaining to public law since the declaration of intent inherent therein triggers an administrative procedure, aimed at the assessment (understood to refer to the comparison between the facts declared and the actual facts), the settlement of the duties payable and the collection thereof. Hence a legal relationship is created between customs and the operator, whose classification differs depending on the customs-approved use.*"

29. Billi d-dikjarazzjoni doganali toħloq rabta ġuridika bejn id-dikjarant u l-awtoritajiet legali, allura huwa importanti ħafna li d-dikjarant jagħmilha kif suppost. Dan għaliex l-istħarriġ li jrid jitwettaq mill-awtoritajiet doganali jiddependi esklussivament fuq dak li jkun ġie provdut f'din id-dikjarazzjoni peress li l-eżami jikkonsisti f'sempliċi verifika jekk il-fatti li ġew dikjarati fid-dokumentazzjoni jirriflettux il-verità ta' dak li jinstab fil-post.

30. Fil-każ tal-lum, ħareġ li fid-dikjarazzjoni doganali ġie mniżżel li kienu ħa jiġu importati 673 kartuna madum b'valur ta' €20,533.68 (ara paġna 25 tal-atti tal-kawża). Irriżulta iżda, li fir-realtà, dan il-valur ta' €20,533.68 ma kienx ikopri l-madum kollu iżda kien ikopri biss 342 kartuna madum u dan skont fattura bin-numru 700069-18/027. Wara stħarriġ imwettaq mill-uffiċjali tad-dwana, irriżulta li l-bqija tat-331 kartuna madum kellhom valur ta' €19,952.68 skont fattura bin-numru 70069-18/026.

31. David Fenech, rappreżentant tad-dwana, xehed fl-affidavit tiegħu (ara paġna 84 tal-atti tal-kawża), li peress li l-valur ta' €19,952.68 dwar it-331 kartuna madum ma ġiex inkluż fid-dikjarazzjoni doganali, allura ma tħallsitx taxxa totali fl-ammont ta' €12,128 maqsuma hekk: (i) €998 bħala dazju tal-importazzjoni; (ii) €130 bħala dazju tas-Sisa; (iii) €6,106 bħala *antidumping*; u (iv) €4,894 bħala taxxa fuq il-valur miżjud.

32. Minn dan joħroġ ċar li kien hemm diskrepanza bejn dak indikat fid-dikjarazzjoni doganali u dak li rriżulta fil-verità. Dan għaliex il-valur totali tas-673 kartuna madum kellu jkun ta' €40,486.36 u mhux ta' €20,533.68. Minħabba f'din id-diskrepanza, għalhekk tista' tiskatta l-proċedura tal-konfiska skont l-**Artikolu 61(1) tal-Ordinanza tad-Dwana**.

33. Il-kumpanija appellanti però tgħid li din il-konfiska ma tistax tissokta billi skont l-**Artikolu 61(2) tal-Ordinanza tad-Dwana**, il-konfiska m'għandhiex titwettaq jekk id-diskrepanza tkun ġrat minħabba fi żball ġenwin. Sewwasew f'dan il-każ, il-kumpanija appellanti targumenta li l-valur tat-331 kartuna madum, fl-ammont ta' €19,952.68, ma tniżżilx fid-dikjarazzjoni doganali minħabba żball ġenwin.

34. L-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha qablet li kien hemm żball fid-dikjarazzjoni doganali iżda qalet li dan l-iżball ma kienx il-frott ta' żball ġenwin iżda frott ta' traskuraġni grassa. Minbarra dan, l-Ewwel Qorti qalet ukoll li l-kumpanija attriċi ma ppruvatx li tassew kien hemm żball ġenwin għaliex ma ressqitx bħala xhud il-persuna li fl-aħħar mill-aħħar ivverifika u għadda d-dikjarazzjoni doganali lill-awtoritajiet tad-dwana.

35. Il-liġi tagħna ma tipprovdix tifsira tal-frażi żball ġenwin, madankollu jirriżulta li l-ġurisprudenza fissret dan il-kunċett bħala wieħed li jeskludi l-intenzjoni ħażina. Hekk pereżempju fis-sentenza ***Priscilla Cassar et v. Kontrollur tad-Dwana*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Jannar, 2010 intqal li biex jiġi konstatat jekk kienx hemm "*żball ġenwin*", trid issir analiżi tal-imġiba kollha tal-importatur, biex il-Qorti tkun tista' tara jekk, fil-fatt, l-allegat ksur tad-dispożizzjonijiet tal-liġi kienx wieħed intenzjonali jew le.

36. Il-kelma '*ġenwin*' tinsab imfissra minn ***Mario Serracino-Inglott*** fid-***Dizzjunarju Malti u Teżawru ta' Malti Mħaddem*** **(Raba' Edizzjoni Aġġornata)** bħala awtentiku, safi, pur, tajjeb jew sinċier.

37. Din il-Qorti għalhekk qegħda tqis li l-leġislatur bl-aġġettiv '*ġenwin*', ried ifisser żball li ma jkunx ġej minn rieda qarrieqa, ħażina jew diżonesta. Għalhekk biex persuna tista' tqajjem id-difiża tal-iżball ġenwin taħt l-**Artikolu 61(2) tal-Ordinanza tad-Dwana**, din jeħtieġilha tipprova li l-iżball ma kienx wieħed intenzjonat, fis-sens li dan kien żball li ma ndunatx jew ma ntebħitx bih.

38. Żball ġenwin jista' jitwettaq kemm minn persuna li kienet diliġenti u attenta f'xogħolha, kif ukoll minn persuna li kienet traskurata u negliġenti. Għalhekk din il-Qorti ma tistax taqbel mal-Ewwel Qorti meta qalet li d-difiża tal-iżball ġenwin ma tistax titqajjem f'każ ta' negliġenza grassa. Imkien ma nsibu fl-**Artikolu 61(2) tal-Ordinanza tad-Dwana**, li din id-difiża ma tistax tintuża minn min ikun ġab l-iżball b'idejh stess jew minn min ikun wettaq l-iżball minħabba negliġenza grassa. Kulma tgħid il-liġi huwa li l-iżball irid ikun ġenwin.

39. Huwa prinċipju magħruf fil-liġi li, *ubi lex non distinguit nec nos distinguere debemus*, li bil-Malti jfisser, li fejn il-liġi ma toħloqx distinzjoni, m'għandniex inkunu aħna li għandna nagħmlu dik id-

distinzjoni. Jekk il-leġislatur ried li jimponi l-konfiska anke fil-każ ta' traskuraġni grassa, kulma jrid jagħmel huwa li jdaħħalha fil-liġi. Imma sakemm ma tiddaħħalx fil-liġi, din il-Qorti ma tistax iżżomm persuna milli tqanqal id-difiża tal-iżball ġenwin anke fil-każ fejn jirriżulta li l-iżball ikun nibet minn traskuraġni grassa. Dan jgħidu x'jgħidu ***The General Agreements on Tariffs and Trade*** **(GATT 1994)** u rrispettivament mill-argumenti tal-Kummissarju appellat li t-traskuraġni m'għandhiex tiġi ppremjata u li interpretazzjoni wiesgħa tal-frażi ta' żball ġenwin tista' tħajjar biex ikun hemm abbuż mis-sistema.

40. Iżda mbilli din il-Qorti mhijiex qegħda taqbel mal-Ewwel Qorti, sa fejn din qalet li d-difiża tal-iżball ġenwin ma tgħoddx f'każ ta'negliġenza grassa, dan ma jfissirx li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta qalet li d-difiża tal-iżball ġenwin ma ġietx pruvata f'dan il-każ.

41. Tassew il-piż tal-prova li seħħ żball ġenwin jaqa' fuq min ikun qiegħed jallega li seħħ żball. Kif rajna aktar kmieni, l-unika prova li jridu jġibu l-awtoritajiet tad-dwana huwa li hemm diskrepanzi fid-dikjarazzjoni doganali. Għalhekk kien imiss lill-kumpanija appellanti li ġġib prova biżżejjed tajba u konvinċenti biex turi li d-diskrepanza fil-valur tal-merkanzija, minn waħda li suppost kellha tkun ta' €40,486.36 għal waħda li tniżżlet għal €20,533.68, saret riżultat ta' żball ġenwin.

42. Fil-fehma ta' din il-Qorti, din il-prova ma tistax issir, jekk il-persuna li suppost wettqet dan l-iżball ġenwin, ma titlax tixhed fil-kawża u tikkonferma li ħadet żball li ma ndunatx bih u li wettqitu mingħajr intenzjoni ħażina. Il-kumpanija appellanti ma ressqitx bħala xhud il-persuna li fl-aħħar mill-aħħar ivverifikat il-kontenut tal-verżjoni finali tad-dikjarazzjoni doganali u għaddiet l-istess dikjarazzjoni lill-awtoritajiet tad-dwana, sabiex b'hekk isseddaq it-teżi tagħha tal-iżball ġenwin.

43. Hekk ukoll, il-kumpanija appellanti ma tat l-ebda raġuni għalfejn dan ix-xhud ma ressqitux. Mhux talli hekk, talli fl-appell tagħha, il-kumpanija appellanti naqset għalkollox milli tindirizza din il-kwistjoni, li kienet waħda mill-konsiderazzjoni ewlenin f'paragrafi 45 sa 47 tas-sentenza appellata, li minħabba fiha l-Ewwel Qorti ssoktat biex ċaħdet it-talbiet attriċi għat-tħassir tan-nota ta' qbid.

44. L-**Artikolu 559 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, jipprovdi li quddiem il-Qorti għandha dejjem tinġieb l-aħjar prova. F'dan is-sens mhuwiex dmir tal-Qorti li tistaqsi hija lill-parti attriċi biex tressqilha l-aħjar provi u lanqas ma huwa xogħolha li, fejn il-provi mressqa ma jkunux tajbin, tipprova tfittex hi minn rajha ħwejjeġ li l-parti nnifisha tkun naqset li tressaq quddiemha (ara ***Myriam Fenech v. Anna Gatt et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Ottubru, 2022 u ***Kristinu Grech v. Anthony Bartolo*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Mejju,

1998).

45. Billi f'dan il-każ, il-kumpanija appellanti naqset milli tressaq bħala xhud il-persuna li allegatament wettqet l-iżball ġenwin fid-dikjarazzjoni doganali, din il-Qorti bħal dik ta' qabilha ma tistax issib li ġiet sodisfatta d-difiża tal-iżball ġenwin kif imsemmija fl-**Artikolu 61(2) tal-Ordinanza tad-Dwana**.

46. Jiġi b'hekk li t-tieni aggravju ma jistax jintlaqa'.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant din il-Qorti qegħda **tiċħad** l-appell imressaq mill-kumpanija Triton Logistics Limited u tikkonferma s-sentenza appellata fejn ċaħdet it-talbiet attriċi, bil-kwalifika però, li d-difiża tal-iżball ġenwin taħt l-**Artikolu 61(2) tal-Ordinanza tad-Dwana** tista' titqajjem anke f'każ ta' traskuraġni grassa. L-ispejjeż kollha marbuta ma' dan l-appell għandhom jitħallsu minn Triton Logistics Limited.

| Mark Chetcuti | Christian Falzon Scerri | Josette Demicoli |
| --- | --- | --- |
| Prim Imħallef | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr